**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 48** **13 ta' Ġunju 2023**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 13 ta' Ġunju fis-sala tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

John Schembri – Sindku

Keoron Bruno – Viċi Sindku

Eric Camilleri – Kunsillier

Frederick Aquilina – Kunsillier

Lucia Massa – Kunsillier

Maria Magri - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

ĦADD

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku John Schembri** ppresjeda l-laqgħa.

48.1 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 47**

Is-Sindku John Schembri talab l-approvazzjoni tal-Minuti 47, liema minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat.

Il-Minuti 47 ġew approvati b'mod unanimu.

48.2 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

48.2.1 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li matul il-ġranet li għaddew sar meeting mal-uffiċjali ta' Transport Malta dwar traffic management plan fil-lokalita' kollha u se tkun qed tinħadem pjanta mill-uffiċjali tal-Awtorita' sabiex titressaq għad-diskussjoni tal-membri.

48.2.2 **Is-Sindku John Schembri** fuq mistoqsija tal-Kunsillier Frederick Aquilina nfurma li x-xogħlijiet relatati mal-fly-over jinsab fil-fażi finali tiegħu u ta spjega tax-xogħlijiet li għad iridu jitlestew.

48.2.3 **Is-Sindku John Schembri** fakkar lill-membri li nhar is-Sibt 17 ta' Ġunju se tinżamm il-laqgħa plenarja tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali u ħeġġeġ lill-membri sabiex jattendu.

48.2.4 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li l-Kunsill ingħata l-fondi sabiex tinżamm l-attivita' kulturali tal-Milied 2023.

48.2.5 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali approva t-talba relatata mad-Direct Order sabiex jinxtara vann elettriku.

48.3 **AUDITED FINANCIAL STATEMENTS 2022**

48.3.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kopja tal-Audited Financial Statement għas-sena 2022, liema rapport kien iċċirkolat lill-membri.

48.4 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li r-rapport huwa wieħed tajjeb ħafna u l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill hija waħda stabbli.

48.4.1 Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2022.

Il-membri approvaw ir-rapport b'mod unanimu.

**Intervista għal Segretarju Eżekuttiv**

**48.5** **Is-Sindku John Schembri** nfurma li d-Dipartiment għadda d-dettalij ta' kandidat interessat fil-kariga. Ġie deċiż li ssir l-intervista nhar is-6 ta' Lulju fil-5.00p.m., bil-bord ikun iffurmat kif ġej;

Chairman – John Schembri (Sindku)
Membri: Kearon Bruno (Viċi Sindku) u Frederick Aquilia (Kunsillier)
Sostitut: Eric Camilleri (Kunsillier)
Segretarju tal-bord: Karen Camilleri Deputat Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsill approva l-bord tal-intervisti b'mod unanimu.

**48.6** **TENDERS**

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li nħarġet it-tender għall-AI CCTV Cameras, liema tender tagħlaq fl-10 ta' Lulju 2023.

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li għadna qed nistennew it-tender document għax-xogħol ta' ġnien fiz-zona ta' Ħal Farruġ.

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li bħalissa qed tiġi fformulata t-tender tal-knis u tal-bulky refuse collection.

**Skeda ta' Ħlasijiet**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iSkeda ta' Ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Frederick Aquilina ppropona** l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Lucia Massa** ssekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.40p.m. u ġiet aġġornata.

Konfermati, llum ______________________________________

| | |
|---|---|
| John Schembri | Karen Camilleri |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**34.7**